MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 832/2010

**F.G.S Construction Limited (C17794)**

**Vs**

**Renald sive Aldo Pisani**

**Rikors guramentat.**

Permezz ta’ rikors prezentat fid-19 ta’ Awissu 2010 l-attrici ppremettiet li:

1. Topera fil-qasam tal-bini u tiehu kuntratti ta’ appalt minghand klijenti.
2. Kienet inkarigat lill-konvenut sabiex jaghmel parti mix-xoghol bil-fattura.
3. Kienet thallas lill-konvenut somma fissa fuq bazi regolari u wara kien isir il-kejl tax-xoghol li jkun sar mill-konvenut u jsiru l-aggustamenti mehtiega.
4. Wara l-ahhar kejl jirrizulta li s-socjeta attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut s-somma ta’ €42,202 skond statement anness u markat bhala Dok. B.
5. Il-konvenut hu veru, cert u likwidu debitur fis-somma ta’ €42,202. Ghalkemm gie nterpellat biex ihallas baqa’ inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.
6. Il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti u ghalhekk il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u skond proceduri specjali sommarji.

Ighid il-konvenut ghaliex il-qorti m’ghandhiex:

1. Tiddispensa bis-smiegh skond l-Artikolu 169 et sequitur tal-Kap. 12.
2. Prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u necessarja, tiddikjara li l-konvenut hu veru, cert u likwidu debitur tal-attrici fis-somma ta’ tnejn u erbghin elf mitejn u zewg ewro (€42,202).
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ tnejn u erbghin elf mitejn u zewg ewro (€42,202).

**Twegiba guramentata** (fol. 12).

1. L-azzjoni hi preskritta bl-gheluq ta’ sentejn minn meta temm l-impjieg, u dan skond l-Artikolu 1207 tal-Kodici Civili.
2. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenut m’ghandux jaghti l-ammont pretiz mill-attrici.
3. Mhux minnu dak allegat li qatt kien hemm xi interpellazzjoni kontra l-konvenut.

**Twegiba ulterjuri**.

Fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2010 (fol. 11) intlaqghet it-talba sabiex il-konvenut jipprezenta twegiba guramentata.

L-arrangament li l-konvenut kellu ftehim bl-imqieta u allura kien self-employed, meta ddikjaratu bhala mpjegat mal-ETC, hi ghal kollox kawza illecita projbita mil-ligi u kontra l-ordni pubbliku f'tali pretiz ftehim. Ghalhekk japplika l-Artikolu 990 tal-Kodici Civili.

**Kwistjoni**.

Il-kumpannija attrici qeghda titlob minghand il-konvenut hlas ta' €42,202 bhala rifuzjoni ta' flus li l-konvenut thallas bil-quddiem ghal xoghol ta' bini li ma sarx. M'huwiex kontestat li l-konvenut kien jaghmel xoghol ta' bini ghall-attrici, ghalkemm hu kontestat jekk kienx impjegat jew jahdem ghal rasu.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. **Preskrizzjoni** – Il-konvenut ghamel riferenza ghall-Artikolu 1207 tal-Kodici Civili. Disposizzjoni li ma fiha l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni. Jidher li dan kien zball tal-pinna u li l-konvenut ried jinvoka l-Artikolu 1027 li jipprovdi ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni sabiex jintalab lura dak li jkun inghata bla ma jmiss:-

   *"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-disposizzjoni migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni* ***jikxef l-izball****"* (enfazi mizjuda).

   Pero' l-kaz in ezami m'huwiex kaz ta' hlas li sar bi zball. Il-hlasijiet lill-konvenut saru skond il-ftehim li kellhom il-partijiet. Id-diffikulta' li nqalghet hi li l-kumpannija attrici ssostni li fid-data li ma tkomplitx ir-relazzjoni bejn il-partijiet, il-konvenut ma kienx ghamel xoghol b'valur li hu ekwivalenti ghall-hlasijiet li rcieva. Ghalhekk tippretendi li ghandu jirrifondi lura l-hlas li rcieva fir-rigward ta' xoghol li kien ghadu m'ghamilx. Ghalhekk il-qorti tikkonkludi li l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili ma japplikax.

2. **Kawza illecita** – hu fatt li l-kumpannija attrici rregistrat lill-attur mal-awtorita kompetenti bhala impjegat taghha. Min-naha l-ohra l-attrici ssostni li fir-realta' qatt ma kien hemm kuntratt ta' impjieg u li l-konvenut kien jinghata xoghol bil-fattura. Il-konvenut iddefenda ruhu li kien impjegat mal-kumpannija attrici u l-hlasijiet li rcieva kienu l-paga. Mill-provi rrizulta kif il-konvenut kien beda jircievi hlas ta' Lm300 fil-gimgha. Gie zmien meta din naqset ghal Lm250.

L-ezitu tal-kawza jiddependi minn jekk il-konvenut kienx impjegat mal-attrici jew jahdem ghal rasu. Il-qorti trid tiddeciedi dwar in-natura tal-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

Jekk in-natura tal-kuntratt kien appalt, 'il fatt li l-konvenut gie registrat bhala impjegat mal-Employment & Training Corporation ma jfissirx li kuntratt ta' appalt hu milqut minn kawza illecita. Jekk sar il-hazin dan kien mill-fatt li l-konvenut gie registrat bhala mpjegat meta fir-realta kien self-employed. Pero' dan 'il fatt ma jolqotx il-validita' tal-ftehim li sar bejn il-kontendenti li bih il-konvenut seta' gie ngaggat bhala kuntrattur biex iwettaq xoghol tal-bini.

3. **<u>Meritu</u>** – il-qorti semghet il-provi u rat l-atti u hi tal-fehma li l-verzjoni tal-kumpannija attrici hi iktar kredibbli. F'dan ir-rigward tosserva:-

i. Natasha Mizzi, is-siehba tal-konvenut, ipprezentat notebook fejn hemm notamenti tal-pagamenti li rcieva fil-perjodu bejn l-1 ta' April 2005 u l-1 ta' Frar 2008 (Dok. NM2 a fol. 268). Jekk il-konvenut kien verament impjegat tal-kumpannija attrici, il-qorti ma tarax raguni ghalfejn kienu jinzammu dawn in-notamenti. Li jinzamm record bhal dak jaghmel iktar sens f'xenarju fejn il-konvenut jahdem ghal rasu u l-informazzjoni tinzamm biex tintuza meta jsiru l-konteggi bejn il-kontendenti dwar il-valur tax-xoghol li sar u l-hlasijiet li saru lill-konvenut.

ii. Jirrizulta li matul is-snin kienu jinhargu kontijiet tax-xoghol li kien iwettaq il-konvenut (ara Dok. DGX1 [fol. 53] – Dok. DGX61 [fol. 61]) li kienu jinkludu l-kejl. Kontijiet li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2003 u l-20 ta' Frar 2008. Jirrizulta li:-

(a) F'dawn il-kontijiet jinghad li l-kuntrattur huwa Aldo Pisani. Ir-riferenza hi ghall-konvenut. Indizju li Pisani ma kienx impjegat tal-attrici. Kontijiet li nhargu fiz-zmien meta Jesmond Falzon, direttur tal-kumpannija attrici, u l-konvenut kienu hbieb. Fil-fatt il-konvenut stess xehed: *"Ahna konna close hafna bhala familji; jiena u l-partner tieghi, Jesmond u l-mara tieghu u Charles u Marianne illi ghalihom bena Jesmond Falzon fil-Qawra. Konna nohorgu flimkien fil-weekends, fil-festi u din fuq bazi regolari"* (fol. 41).

(b) Winston Muscat ikkonferma li meta kien imur fuq il-lant tax-xoghol biex ikejjel kien ikun hemm il-konvenut; *"... hafna drabi kien ikun hemm hu"* (fol. 239). Il-qorti tifhem li l-presenza ta' Pisani kienet bhala persuna li kellha nteress dirett fl-ezercizzju li kien jaghmel Muscat. Kompla jghid li kien johrog zewg kopji tal-kont, wahda ghall-kuntrattur (l-attrici) u l-ohra ghas-subcontractor (fol. 240), kif ukoll li *"Renald stess gieli cempilli u jistaqsini jekk jien inkunx bghattlu l-kont"*. Fatt iehor li jindika l-interess tal-konvenut fil-kejl u l-kontijiet li kien qieghed

johrog ix-xhud. Interess li l-qorti tifhem li kien minhabba 'l fatt li l-konvenut kien il-kuntrattur li jkun hadem dak ix-xoghol.

(c) Dione Gravino xehed li fl-ahhar kienu saru konteggi biex jigi stabbilit xi hlasijiet kien ircieva l-konvenut paragunat mal-valur ta' xoghol li ghamel. Dan kien fis-sena 2008. Ezercizzju li l-qorti tifhem li sar peress li l-ftehim bejn il-kontendenti kien ta' appalt u mhux kuntratt ta' impjieg.

(d) Mid-dokumenti esebiti mill-kumpannija attrici jirrizulta li kien hemm certu xoghol li ghamel il-konvenut li ma kienx jitkejjel izda jithallas bil-gurnata (ara dokumenti DGX62-DGX80, fol. 207-225).

(e) Kopja tal-kontijiet bil-kejl kienu jinghataw lill-konvenut. Fatt konfermat minnu stess (fol. 263). Li kieku r-relazzjoni kienet ta' kuntratt ta' impjieg, ma kien hemm l-ebda skop ghalfejn il-konvenut kien jinghata kopja taghhom. Meta gie mistoqsi in kontro-ezami x'kienet ir-raguni ghalfejn Jesmond Falzon kien jatih kopja, wiegeb li ma jafx; *"Ma kontx nistaqsih ghalfejn kien qed jatihomli. Ma kienx fl-interess tieghi li nistaqsih"* (fol. 263). Fil-fehma tal-qorti l-konvenut wiegeb b'mod evaziv u mhux kredibbli. Atteggjament li kompla: *"Qed nerga' nigi mistoqsi mid-difensur tal-attrici ghalfejn bqajt niehu dawn id-dokumenti bil-kejl. Nghid jien bqajt nehodhom u nwaddabhom il-garaxx. Dik hi r-risposta"* (fol. 263). Kliem li jkompli jikkonvinci lill-qorti li l-verzjoni li ta l-konvenut ma tirriflettix il-verita'. Il-qorti tikkonkludi li l-kopja tal-kontijiet kienu jinghataw lill-konvenut ghaliex hu kien il-kuntrattur li qieghed jahdem ix-xoghol. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ta' x'setghet kienet ir-raguni ghalfejn impjegat jinghata kopja ta' dawn id-dokumenti.

(f) Hemm ukoll id-dokument (fol. 229) bic-cifra ta' €28,160.07 u tahtha zewg firem, wahda minnhom Aldo Pisani. Id-dokument huwa kopja. L-original qatt ma gie pprezentat. Il-kumpannija attrici talbet li jinhatar espert kalligrafu sabiex jigi determinat jekk il-firma hijiex tal-konvenut. Il-qorti kienet laqghet it-talba u nhatar Dr Anthony Abela Medici b'dan li kellu jigi pprezenta d-dokument originali. Billi l-original baqa' ma giex prezentat il-qorti rrevokat l-inkarigu tal-espert kalligrafu. Madankollu, l-qorti tosserva li:-

i. Il-firma tal-kunjom Pisani tista' tghid li hi identika ghall-firem li l-konvenut ghamel quddiem il-qorti (ara Dok RB1 fol. 242). It-tezi tal-konvenut li l-firma hi falsifikata hi dghajfa.

ii. Ix-xhud Gravino xehed li Pisani kien iffirma quddiemu; *"Fil-presenza tieghi Falzon u Pisani kienu ffirmaw dokument li Pisani ghandu jaghti s-somma ta' Lm12,000 jew ftit aktar…. Din iffirmawha fis-16/4/2008. Iffirmawha quddiemi"* (fol.2 35). Il-qorti kellha l-opportunita li tisma' lix-xhud jixhed *viva voce*, darbtejn. Hu veru li qal li jahdem part-time mal-kumpannija attrici. Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li dak li qal ghandu jigi skartat.

iii. Hu veru li l-konvenut xehed li *"Jien dejjem Ronald Pisani niffirma. Min ghazel li jiffalsifika l-firma tieghi Aldo Pisani fuq id-dokuent fol. 229 ha zball. Aldo Pisani qatt ma ffirmajt"* (fol. 265). Jekk din hi l-verita r-raguni tghidlek li min jipprova jiffalsifika firma jkollu quddiemu firma originali u mhux jaqbad u jivvinta firma.

iv. Il-konvenut hu maghruf bhala Aldo. Hu stess fl-affidavit li pprezenta iddikjara li jismu Renald sive Aldo Pisani (fol. 41). Hekk ukoll fil-licenzja tas-sewqan hemm l-isem Aldo (Dok. XX1 a fol. 269).

Hu veru li d-dokument originali ma giex prezentat. Gravino spjega li kopja biss kellu u ma kienx jaf x'sar mid-dokument originali. Pero' mejqus dak li xehed Gravino (ara wkoll Artikolu 635(b) tal-Kap. 12) u li m'hemm xejn li jista' jikkonvinci lill-qorti li dan ix-xhud gideb, din hi prova ohra kontra t-tezi tal-konvenut.

4. Jesmond Falzon xehed li kien ukoll sellef is-somma ta' €14,442.12 (Lm6,200) lill-konvenut li kienu ghadhom dovuti. Ammont li gie inkluz fis-somma mitluba fir-rikors guramentat. Hekk ukoll fir-rendikont li pprezentat l-attrici Dok. DGZ a fol. 227 giet inkluza bhala *"Loan-J Quintinus (Lm6,200)"*. Madankollu l-kawzali tar-rikors promotur m'hijiex self izda rifuzjoni ta' hlas li l-konvenut ircieva minghand l-attrici ghaliex ma ghamilx xoghol ta' bini b'dak il-valur. Ghalhekk dan l-ammont ma jifformax parti mill-kawzali. Il-qorti trid tiddeciedi fuq il-kawzali u t-talbiet kif gew proposti fir-rikors guramentat.

Gialadarba l-qorti emmnet il-verzjoni li ta x-xhud Gravino, li quddiemu l-partijiet ftehemu li l-ammont dovut lill-kumpannija attrici kien ta' **€28,160.07** bhala hlas li rcieva l-konvenut minghand l-attrici u li jirrifletti l-valur ta' xoghol li kien ghadu ma ghamilx fid-data li ma komplewx bil-ftehim li kellhom, dan hu l-ammont li ghandu jithallas mill-konvenut. Jekk il-qorti kellha tikkonkludi mod iehor ikun ifisser li qieghed jigi skartat ftehim li l-qorti hi konvinta li sar bejn il-partijiet. Haga li ma tistax issir.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni spejjez a karigu tal-konvenut.**
2. **Tichad l-eccezzjoni ulterjuri spejjez a karigu tal-konvenut.**
3. **Tilqa' t-talbiet tal-attrici limitatament fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf mija u sittin ewro u seba' centezmi (€28,160.07) bl-imghax mis-16 ta' April 2008, cjoe' d-data li gie ffirmat id-dokument a fol. 229[1].**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 66% a karigu tal-konvenut u 34% a karigu tal-attrici peress li kienet qeghda titlob hlas iktar**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] M'hemmx provi li l-konvenut inghata xi zmien li fih kellu jsir il-hlas u l-obbligazzjoni hi kummercjali, ghalhekk l-imghax jiddekorri minnufih.